# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Michael Spiteri**

**Kumpilazzjoni 772 / 18**

Illum, 9 ta' Dicembru 2018

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat:

Michael Spiteri ta' 32-il sena, bin Raymond u Maria Lordes xebba Zammit, residenti 82, triq il-Karmnu, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita 0505286(M).

U akkuzat talli gewwa l-petrol station fi Triq Ghar Dalam, Birzebbuga fil-lejl ta' bejn is-7 u 8 ta' Dicembru 2018:

1. Ikkometa serq ta' madwar 60 euro liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-mezz ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra.

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq makkinarju li jintuza gewwa pompa tal-fuel, liema hsara tammonta ghal aktar minn 250 Euro izda anqas minn 2,500 euro ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra.

3. Irrenda ruhu recidiv ai termini tal artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet biex dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Deher l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Roderick Attard li qara u halef l-akkuzi bil-gurament fil-konfront u fil-prezenza tal-akkuzat.

Il-prosekuzzjoni ezebiet bhala dokumenti s-segwenti :

- Rikors ghal ftuh tar-Registru tal-Qorti
- PIRS
- Stqarrija
- Kunsens tal-Avukat Generali
- Fedina Penali
- NPS Report
- CD bil-filmat

L-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-arrest.

F'dan l-istadju l-Qorti ordnat li jsir l-ezami tal-imputat u l-akkuzat wiegeb hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, fejn l-akkuzat rega' ikkonferma tali ammissjoni.

Il-prosekuzzjoni infurmat il-Qorti li l-hsarat ikkagunati lil Joseph Azzopardi jammontaw ghal 575 euro.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi u l-Ligi, ossia 49, 261(b), 261 (f), 264(1), 270, 278(2) u 289 tal-Kap 9.

Rat l-ammissjoni tal-akkuzat u semghet lill-abbli prosekuzzjoni u lid-difiza jittrattaw dwar il-piena.

Fehmet illi l-akkuzat ma jafx ghaliex ikkommetta tali reat, li hija indikazzjoni cara li ghandu bzonn assistenza u ghajnuna u ghalhekk qed issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah piena ta' prigunerija ta' sena sospizi ghal sentejn u qed tordna illi jinghata ordni ta' trattament a tenur tal-Art 412 D tal-Kap 9, fejn l-akkuzat ghandu joqghod ghall-ordnijiet kollha li jaghtuh il-probation officers u

ghal dan il-ghan il-Qorti tohroglu anke ordni ta' probation u l-akkuzat ghandu jassikura ruhu li jaghmel it-trattamenti kollha li jigu lilu ordnati.

It-treatment order u probation order ghandhom validita' ta' 3 snin.

L-akkuzat ghandu jhallas ghad-danni kawzati lil Joseph Azzopardi fuq imsemmija fi zmien sitt xhur mil-lum bl-intiza cara li jekk ma jhallashomx jistghu jittiehdu proceduri ulterjuri kontra tieghu.

**Francesco Depasquale**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**